C/2025/6559

5.12.2025

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi suġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2469 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2471 dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

(C/2025/6559)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2469 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 ([3]) kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2471 ([4]), dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi għandhom jinżammu fil-lista tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi suġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 u fir-Regolament (UE) 2020/1998. Ir-raġunijiet għad-dežinjazzjonijiet ta' dawk il-persuni, l-entitajiet u l-korpi jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati għall-possibbiltà li jressqu applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2020/1998, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għall-ħtiġijiet bażiċi jew għal pagamenti speċifiċi (ara l-Artikolu 4 tar-Regolament).

Il-persuni, l-entitajiet u l-korpi kkonċernati jistgħu jressqu talba lill-Kunsill **qabel l-1 ta' Ġunju 2026**, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex terġa' titqies id-deċiżjoni li jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni riċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, tal-lista tal-persuni, l-entitajiet u l-korpi dežinjati.

([1]) ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 13.
([2]) ĠU L, 2025/2469, 5.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2469/oj.
([3]) ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.
([4]) ĠU L, 2025/2471, 5.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/2471/oj.